SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 279/01DM

GDL Trading and Services Ltd

Vs

Supermaster Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm829.55) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta,

Bl-imghax u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-madati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan l-avviz, kollox kontra s-socjeta` konvenuta, li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ingunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-llum biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil kumpanija attrici s-somma mitluba ta' tmien mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm829.55) ghar-ragunijiet inidkati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-llum u bl-ispejjez konra l-konvenuti.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg